**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI LL.D.**

**Appell Nru: 465/2015**

**Illum : Il-Gimgha, 29 ta' Lulju 2016**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Anna Marie Xuereb)**

**vs**

**David Woodhouse Scicluna**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-akkużi dedotti kontra David Woodhouse Scicluna, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 670961(M) imputat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti Istruttorja talli:

> F'Lulju 2012 u fix xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, u ċioè ġewwa x-Xagħra, Għawdex,
>
> 1. Approprja ruħu, billi dawwar bi profit għalih jew għal persuna/i oħra, is-somma t'aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u ċioè is-somma ta' għoxrin elf euro (€20000) għad-dannu ta' Franco Debono, liema somma ġiet

fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat;

2. U aktar talli bejn ix-xahar ta' Diċembru 2010 u x-xahar t'Ottubru 2011, f'dawn il-Gżejjer, għamel dikjarazzjoni falza, jew ta xi tagrif falz, jew pproduċa xi dokument falz, għal xi wieħed mill-għanijiet ta' l-Att Dwar il-Karti ta' l-Identità meta kien jaf li dan huwa falz;

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tordna wkoll il-konfiska tal-oġġetti kollha esibiti u tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-7 ta' Ottubru, 2015, li permezz tagħha il-Qorti ddikjarat l-proċediment eżawrit fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat, ma sabitux ħati tat-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu u b'hekk illiberatu minnha.

**3.** Rat ir-rikors tal-appell ta' l-Avukat Ġenerali ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fit-23 ta' Ottubru, 2015 li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza apellata billi tikkonfermha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellat mill-ewwel akkuża, u ċioè dik li approprja ruħu, billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna/i oħra, is-somma t'aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u ċioè is-somma ta' għoxrin elf euro (€20000) għad-dannu ta' Franco Debono, liema somma ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, u tħassarha u tirrevokha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellat mit-tieni akkuża, u ċioè dik li għamel dikjarazzjoni falza, jew ta tagħrif falz, jew pproduċa xi dokument falz, għal xi wieħed mill-għanijiet tal-Att Dwar l-Karti ta' Identità meta kien jaf li dan huwa falz, u minflok issib lill-appellat ħati ta' din l-akkuza, u konsegwentement tinfliġġi l-piena skont il-liġi.

**4.** Rat l-atti u d-dokumenti kollha u semgħet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**5.** Rat li għalkemm l-imputat ingħata żmien sabiex iwieġeb bil-miktub għar-rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali u dan ingħata żmien biex jirreplika ma saret ebda tweġiba bil-miktub mill-imputat fiż-żmien prefiss u għalhekk ma saret ebda replika bil-miktub mill-Avukat Ġenerali.

**6.** Il-fatti in kwantu relevanti għall-appell tal-Avukat Ġenerali jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

Bejn l-1 ta' Jannar 2010 u s-27 ta' Diċembru 2010 l-imputat kien reġistrat fl-indirizz 167, *Blue Danube*, Triq il-Kbira, f'Ħal Balzan u li mit-28 ta' Diċembru 2010 sat-23 ta' Ottubru 2011 kien reġistrat fi 38, Triq ta' Ġorf, ix-Xagħra, Għawdex u wara, mill-24 ta' Ottubru 2011 'l quddiem reġa ġie reġistrat fl-indirizz imsemmi f'Ħal Balzan[1]. In vista tal-fatt li l-imputat kien irreġistra lilu nnifsu fl-indirizz imsemmi f'Għawdex il-korrispondenza lilu bdiet tintbagħat f'dak l-indirizz fejn kienu jirrisjedu l-ġenituri ta' Franco Debono[2]. Per konsegwenza l-ġenituri ta' Franco Debono permezz tal-avukat tagħhom kitbu lill-awtoritajiet sabiex jinformawhom li l-imputat "ma għandu assolutament xejn x'jaqsam" mal-proprjetà msemmija u talbuhom jirrettifikaw ir-records tagħhom b'mod immedjat b'tali mod illi l-imputat ma jibqax indikat bħala residenti fil-proprjetà tagħhom[3]. Korrispondenza fl-istess sens intbagħtet ukoll lill-Partit Nazzjonalista li kien bagħat it-tessera tal-partit maħruġa lill-imputat fl-indirizz imsemmi f'Għawdex proprjetà tal-ġenituri ta' Franco Debono[4].

**7.** L-aggravju tal-appellant Avukat Ġenerali huwa essenzjalment uniku u limitat għat-tieni imputazzjoni u jikkonsisti sostanzjalment filli l-appellant

[1] Depożizzjoni Mario Tabone fol. 63
[2] Depożizzjoni Franco Debono fol. 16-17
[3] Fol. 25
[4] Fol. 29

jirritjeni li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi u ma setgħetx legalment u raġonvevolment tillibera lill-imputat mit-tieni imputazzjoni li għamel dikjarazzjoni falza għal xi wieħed mill-għanijiet tal-Att Dwar il-Karti ta' l-Identità meta kien jaf li dan huwa falz.

**Ikkunsidrat:**

**8.** Il-fatti ewlenin li rriżultaw mill-provi ġia ġew esposti aktar kmieni f'din is-sentenza[5]. Fatt ċert li rriżulta huwa li mit-28 ta' Diċembru 2010 sat-23 ta' Ottubru 2011 l-imputat kien reġistrat fi 38, Triq ta' Ġorf, ix-Xagħra, Għawdex waqt li qabel il-post ta' residenza tiegħu kienet reġistrata fl-indirizz 167, *Blue Danube*, Triq il-Kbira, f'Ħal Balzan. Għandu jiġi rilevat mill-ewwel li l-pern tal-kwistjoni ma hux jekk Franco Debono jew il-ġenituri tiegħu tawx permess jew le lill-imputat sabiex "jaqleb" il-karta ta' identità tiegħu minn Ħal Balzan għal fuq l-indirizz ta' Triq ta' Ġorf, ix-Xagħra, Għawdex jew tawhx il-kunsens sabiex jibdel l-indirizz tar-residenza tiegħu kif jidher fuq il-karta tal-identità tiegħu. Dak li hu determinanti hu fejn kienet ir-"residenza prinċipali" tal-imputat fil-perjodu mit-28 ta' Diċembru 2010 sat-23 ta' Ottubru 2011.

**9.** L-imputat għażel li ma jixhidx f'dawn il-proċeduri iżda mid-dokument Dok RF1 konsistenti fi ftehim datat 3 ta' Ġunju 2011 esibit mid-difiża stess[6], jirriżulta li fid-data tal-ftehim imsemmi, u ċioè meta skont il-karta tal-identità tiegħu ir-residenza prinċipali tiegħu kienet dik fi 38, Triq ta' Ġorf, ix-Xagħra, Għawdex, fil-ftehim imsemmi l-indirizz tiegħu ġie indikat bħala 146, Main Street, Balzan Malta.

---

[5] Ara par. 5 *supra*

[6] Fol 100, fol 102

**10.** Fl-istqarrija tiegħu lill-pulizija[7] l-imputat jgħid li għal xi żmien kellu "l-indirizz ta' l-ID Card tiegħi fuq Għawdex" u li "l-indirizz kont għamiltu fuq Għawdex għax kont qiegħed nitla' ngħin lil Franco fil-fabbrika u l-ħanut tiegħu". Hu sinjifikanti li ma jgħidx li kien joqgħod Għawdex iżda biss li "l-indirizz ta' l-ID Card" kien fuq Għawdex u li kien hu li għamlu fuq Għawdex. Huwa jgħid li dan kien xi sitt jew tmien xhur qabel l-istqarrija, li saret fit-22 ta' Awwissu 2012. Dan jirriżulta li ma hux korrett, għaliex kif ingħad l-ID Card tiegħu kienet turi indirizz f'Għawdex mit-28 ta' Diċembru 2010 sat-23 ta' Ottubru 2011. Huwa jżid li dan kien fatt temporanju tant li meta Debono għalaq il-ħanut ta' l-ikel huwa ma kellux għalfejn jitla' aktar Għawdex u għalhekk reġa "qaleb" l-indirizz fuq dak ta' Balzan.

**11.** Fl-istqarrija tiegħu l-imputat jissokta jgħid li meta Debono kien ġibidlu l-attenzjoni li ommu kienet qiegħda tirċievi ittri f'ismu iżda fl-indirizz tagħha huwa kien jgħidlu li "meta kont ħa nkun hemm kont ser nippikkjhom". Huwa żied jgħid ukoll li meta kien ikun Għawdex hu kien jorqod f'farmhouse jew ta' Franco Debono jew ta' ommu.

**12.** Minn naħa tagħha Josephine Debono, omm Franco, xehdet li l-farmhouse li fiha kien jitla' l-imputat ma kienetx dik bin-numru 38 fejn kienu joqgħodu hi u żewġa[8]. Franco Debono wkoll meta xehed ikkonferma li l-imputat qatt ma mar fil-post ta' ommu għalkemm ġieli mar hemm biex ikellmu[9].

**13.** Mir-rassenja u analisi dettaljata premessa tal-provi prodotti din il-Qorti ma għandhiex l-iċken dubbju li l-indirizz 38, Triq ta' Ġorf, ix-Xagħra, Għawdex dikjarat fuq il-karta tal-identità tal-imputat mit-28 ta' Diċembru 2010 sat-23 ta' Ottubru 2011 ġie hekk dikjarat mill-imputat appellant, kif jirriżulta mill-istqarrija tieghu lill-pulizija, u f'dak il-perjodu mhux biss ma kienx "l-indirizz tal-post prinċipali ta' residenza" tiegħu kif

[7] Fol 34-36
[8] Fol. 83
[9] Fol. 76

trid il-liġi[10] iżda ma kien ebda xorta ta' residenza, prinċipali jew xort'oħra, tal-imputat fiż-żmien relevanti.

**14.** Saħansitra l-ewwel Qorti kkonċediet li "mill-provi akkwiżiti ma jirriżultax sodisfaċentement pruvat li l-post f'Għawdex hawn fuq imsemmi kien il-post prinċipali ta' residenza tal-imputat" u tikkonkludi piuttost ambigwament li "minkejja li l-fatti juru li l-kwerelant u qraba tiegħu ma riedux lill-imputat juża l-indirizz f'Għawdex fuq il-Karta tal-Identità tiegħu, ma jirriżultax jekk dan kienx il-post prinċipali ta' residenza tal-imputat"; meta l-fatt li l-post indikat ma kienx il-post prinċipali ta' residenza tal-imputat kien proprju dak li l-prosekuzzjoni kienet meħtieġa tipprova skont il-ligi u li din il-Qorti hi għal kollox sodisfatta li l-prosekuzzjoni effettivament irnexxilha tipprova mingħajr dubbju dettat mir-raġuni.

**15.** Inoltre, din il-qorti hi wkoll sodisfatta li l-imputat aġixxa konsapevolment u volontarjament u li għalhekk kellu l-*mens rea* meħtieġa.

**16.** In kwantu għall-piena, peress li l-piena minima skont il-liġi hi dik ta' priġunerija għal żmien sentejn, il-Qorti ma għandha ebda alternattiva ħlief li timponi piena ta' priġunerija, iżda wara li ħadet in kunsiderazzjoni l-fedina penali netta tal-appellant il-Qorti sejra timponi dik il-piena fil-minimu tagħha u ser tordna s-sospensjoni tagħha għat-tenur tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali.

Għall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha f'dik il-parti fejn ma sabitx lill-imputat David Woodhouse Scicluna ħati tat-tieni imputazzjoni u lliberatu minnha u minflok, wara li rat l-artikoli 5(2)(b) u 24(2)(b) tal-Kap. 258 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali ssib lill-istess imputat David Woodhouse

[10] Art. 5(2)(b) tal-Kap. 258, u mhux l-art. 14(2) tal-istess Kap., eronjament indikat mill-ewwel Qorti u li jirrigwarda "dokumenti ta' identifikazzjoni" li jinħarġu lil persuni li qed ifittxu ażil jew persuni li ma rnexxilhomx jiksbu ażil (ara wkoll definizzjoni ta' "dokument ta' identifikazzjoni" fl-art. 2 tal-istess Kap.

Scicluna ħati tat-tieni imputazzjoni u tikkundannah għall-piena ta' priġunerija għal żmien sentejn u tordna li din is-sentenza ma għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk, matul il-perjodu ta' sena mid-data ta' dan l-ordni l-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija; tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbilità tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perjodu ta' sena fuq imsemmi reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

(ft) Silvio Camilleri
Prim Imhallef

(ft) Silvana Grech
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur